Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors 6/2011AE

**Margaret Schembri**

**Vs**

**Charichelon Company Limited u ROCS Group**

Il-Gimgha, 8 ta' April 2016.

Fil-25 ta' Settembru 2012 il-konvenuti ppezentaw rikors ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet **Margaret Schembri vs Charichelon Limited et**, tas-16 ta' Lulju 2012. Il-kawza titratta dwar ilment tal-attrici fir-rigward ta' gita li marret fil-Grecja, u b'mod partikolari dwar booking li ghamlet tramite l-konvenuti ta' lukanda li qalet li wara rrizultalha li kienet tinsab f'zona perikoluza. Dan wassal biex kellha tfittex akkomodazzjoni alternattiva.

B'sentenza tad-19 ta' Awissu 2011, it-Tribunal ikkonkluda li l-attrici kienet gustifikata li tfittex lukanda ohra sabiex titlaq miz-zona fejn hi kienet qeghda thossha mbezza' u kkundanna lill-konvenuti jhallsu kumpens ta' mitejn ewro (€200).

Fis-sentenza tas-16 ta' Lulju 2012, din il-qorti qalet:-

*"Illi l-appell huwa fis-sens li t-Tribunal mar kontra ddettami tal-gustizza naturali u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta min jappella u dan ai termini tal-artikolu 22 (2) (c) tal-Kap. 378 u dan ghaliex qed jinghad li f'dan il-kaz l-ezercizzju diskrezzjonali tat-Tribunal kien nieqes minn raguni u l-konkluzzjoni kienet illogika.*

*Illi jidher li fil-verita' dak li l-istess appellanti qed isostnu fl-appell taghhom huwa li t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi quddiemu u dan ghaliex skond huma l-appellata semmiet biss li rat persuna wahda tiehu d-droga fl-inhawi fejn hemm il-hotel, u t-Tribunal minflok accentwa dan billi sostna li l-inhawi kienu f'zona perikoluza, u dan meta skond l-appellanti l-appellata lanqas issostanzjat l-allegazzjoni taghha, meta kien oneru taghha li tipprova dak minn allegat. F'dan il-kuntest qed jinghad li l-istess Tribunal ma hax in konsiderazzjoni in linja difensjonali tal-appellanti; apparti dan jinghad li l-motivazzjoni tad-decizjoni kienet konfuzzjonarja ghaliex minn naha sostniet li s-servizz fil-lukanda kien tajjeb, mentri xorta wahda sab lill-appellanti hatja li ma pprovdewx servizz sew lill-appellata.*

*Illi din il-Qorti rat li f'dan il-kaz appell lill din il-Qorti huwa limitat ghall dak li jipprovdi l-artikolu 22 (2) (c) tal-Kap. 378 b'mod li qed jigi allegat li t-Tribunal mar kontra ddettami tal-gustizza naturali u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta min jappella, izda prova ta' dan ma ingabitx ghaliex jidher li fil-fatt it-Tribunal semma liz-zewgt partijiet li kienu debitament notifikati u nformati bid-data meta kellhu jinstema' l-kaz, u t-Tribunal ta' d-decizjoni fuq dak li semma' (li ma huwiex disponibbli ghall din il-Qorti).*

*Illi ma jirrizultax li fis-smiegh tal-istess kien hemm xi ksur ta' xi principju ta' gustizzja naturali, nkluz tal-principju audi alteram partem ("Joseph Debono vs Phoneca Systems Ltd" (A.I.C. (PS) – 19 ta' Mejju 2004), tant li l-ilment tal-appellanti jidher li huwa fuq il-kwistjoni ta' apprezzament ta' provi li ghamel it-Tribunal fejn jidher car li huwa accetta l-versjoni tal-appellata u mhux tal-appellanti, u dan*

*fuq il-punt li l-hotel kienet f'zona perikoluza ghaliex fil-vicinanzi kien hemm traffikanti tad-droga. La darba dan huwa kaz fejn l-ammont moghti kien inqas minn 1,200 Euro, mela allura l-unika bazi ta' appell ghall dak li huwa dan il-kaz hija dik skond l-artikolu 22 (2) (c) tal-Kap. 378, u allura taht dan l-aspett din il-Qorti ma ghandhiex u lanqas tista' taghmel apprezzament tal-provi mill-gdid ta' dak sottomess quddiem it-Tribunal. Jinghad f'dan il-kuntest li din il-Qorti, la darba t-Tribunal innotifika l-partijiet bis-smiegh u sema' l-provi u s-sottomissjonijiet taghhom, ma jistax jinghad li kien hemm ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, b'dan li l-procedura addottota kienet korretta. Dwar l-apprezzament ta' provi, jidher li t-Tribunal ikkonsidra z-zewg versjonijiet u qaghad fuq il-versjoni tal-appellata (tant li lanqas laqgha t-talba kollha tal-appellata rikorrenti quddiemu) u allura mhux il-kaz li t-Tribunal injora ghall-kollox is-sottomissjonijiet tal-appellanti u ntimati quddiem it-Tribunal ("Tania Galea vs Direttur tasSigurta' Socjali" (A.I.C. (RCP) – 13 ta' April 2011), izda dan ma jaghtix dritt ta' appell lill-appellanti, minkejja l-mod kif l-appellanti ppruvaw jimpostaw l-appell taghhom, ghaliex fl-ahhar mill-ahhar l-appell odjern jittratta effettivament talba sabiex din il-Qorti tissosstitwixxi ddiskrezzjoni taghha ghal dik tat-Tribunal, haga li ma hijiex konsentita' f'kaz, bhal dak odjern, meta s-sorte u l-ammont tad-decide huwa inqas minn 1,200 Euro ("Romina Vella vs Ronald Cachia (Phoenicia Laundry & Dry Cleaning" (A.I.C. (CA) – 24 ta' April 2001).*

*Illi dwar l-allegazzjoni li d-decizjoni ma hijiex ben motivata dan ma huwiex minnu ghaliex jidher car li t-Tribunal sostna li t-talba tar-rikorrenti quddiemu kienet ser tintlaqa' fl-ammont ta' 200 Euro u dan biss ghaliex l-istess hotel kien tinstab f'lok fejn kien hemm traffikanti tad-droga u li l-agenzjija tal-ivvjaggar naqset li tavza b'dan lill-appellata jekk kienet taf, u fi kwalunkwe kaz kellha tkun taf, sabiex b'hekk taghti informazzjoni korretta lill-klijent taghha ("Zammit Cachia Limited vs Hix Travel Limited" (A.I.C. (PS) – 17 ta' Frar 2003). B'hekk l-appellata kellha ragun meta fl-istat li sabhet ruhha fih bidlet il-lukanda. Mela allura l-istess decizjoni hija ben motivata skond il-ligi ("Alfred Sant nomine vs Kummissarju tat-Taxxi Interni" (A.C. – 4 ta' Marzu 1992)*

*Illi dwar l-allegazzjoni li l-istess decizjoni hija kontradittorja ghaliex sostniet li l-lukanda ghandha servizz tajjeb u kien f'post tajjeb fic-centru izda mbaghad xorta wahda kkundannat lill-appellanti ihallsu l-ammont ta' danni ndikati, jidher car li dan it-Tribunal ghamlu ghaliex fiz-zona fejn kien hemm il-hotel jirrizulta li kien hemm traffikanti tad-droga li s-socjetajiet appellanti nghad li ma nfurmawx lill-appellata dwarhom jew ghaliex ma kienux jafu bl-istess jew ghaliex messhom kien jafu bl-istess u b'hekk kellhom jinformaw lill-klijent taghhom, u dan la darba kienu huma li ssugerew lill-appellata l-istess lukanda. B'hekk jirrizulta li l-aggravji ma humiex ben fondati u l-appell qed jigi michud".*

Ir-rikors tar-rikorrenti hu bazat fuq l-Artikolu 811(e) u (l) tal-Kap. 12.

1. **<u>Applikazzjoni hazina tal-ligi (Artikolu 811(e) tal-Kap.12)</u>**.

   Ir-rikorrenti jsostnu li:

   *"Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell applikat il-ligi hazin meta sostniet illi hi ma setghetx taddentra fil-meritu tal-kwistjoni ghax ir-ritrattanti ma ppruvawx il-lezjoni tal-jeddijiet taghhom ai termini tal-Artikolu 22(2)(c) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-appell minnhom interpost kien biex tigi sostitwita d-diskrezzjoni tat-Tribunal b'dik taghha peress li l-ammont tad-decide ma kienx lil hin mill-ammont ta' €1,200.00c."*

   Huma komplew jispjegaw li:-

   a) L-ilment taghhom fir-rikors tal-appell kien li t-Tribunal kiser il-jeddijiet tal-principji ta' gustizzja naturali.

b) Huma ma kellhomx oneru li jipprovaw li kien hemm lezjoni tal-jedd taghhom skond l-Artikolu 22(2)(c) tal-Kap. 378.
c) Id-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Appell li ma setatx tikkunsidra l-meritu ghaliex id-decide tat-Tribunal jirrigwarda l-kundanna ghall-hlas ta' somma inqas minn €1,200, hi inezistenti fil-ligi.

2. Hu evidenti li l-argumenti tar-rikorrenti huma bazati fuq kritika tal-mod kif din il-qorti applikat l-Artikolu 22(2)(c) tal-Kapitolu 378. Fejn l-ammont in kwistjoni ikun inqas minn €1,200, kif kien f'dan il-kaz, appell minn sentenza tat-Tribunal tista' ssir biss fir-rigward ta kull kwistjoni ta' preskrizzjoni, fuq kull haga li jkollha x'taqsam ma' gurisdizzjoni u meta it-Tribunal ikun ma kontra l-principju tal-gustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet tal-appellant.

3. Fl-ilment tar-rikorrenti l-qorti ma tara xejn li ghandu x'jaqsam ma' talba ghal ritrattazzjoni minhabba applikazzjoni hazina ta' ligi. L-Artikolu 811(e) gie spjegat mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza **Reginald Micallef nomine vs Godwin Abela et nomine** tat-3 ta' Gunju 1994:-

*"Illi biex jigi deciz jekk kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il motiv jekk, fuq dawk il-fatt kif jirrizultaw ippruvati,* ***ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok disposizzjoni ohra li kella proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta****. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-qorti, fis-sentenza mpunjata, applikat il-ligi l-hazin ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin."*

M'hemmx dritt ghal ritrattazzjoni minn interpretazzjoni ta' ligi. Inoltre, r-rikorrenti kellhom id-dmir li jiddikjaraw il-ligi li kien imissha giet applikata (Artikolu 816), haga li m'ghamlux.

4. **Zball ta' fatt (Artikolu 811(l) tal-Kap. 12)**.

L-ilment tar-rikorrenti hu li l-provi ma ngabrux b'mod proceduralment korrett. Isostnu li fis-sentenza ta' din il-qorti:

*".... Lanqas ma hemm xi indikazzjoni remota li stharrget dan il-punt u cjoe' jekk it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur mexiex legalment u korrettement (ai termini tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma gabarx il-provi tal-*

*partijiet jew jekk dawn kienu mit-Tribunal ingabru, l-istess tnizzlux f'xi forma materjali u indelibbli ai finijiet ta' posterita"*.

Ilment li fil-fehma tal-qorti m'ghandu x'jaqsam xejn mal-izball ta' fatt kontemplat fl-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12.

Il-qorti tosserva:-

i. Fl-ewwel lok fir-rikors tal-appell m'hemmx aggravju dwar il-mod kif ingabru l-provi quddiem it-Tribunal, fis-sens li ma saritx traskrizzjoni tax-xhieda nstemghu quddiem it-Tribunal. Fir-rikors tal-appell l-aggravji tar-rikorrenti kienu li:-

   (a) Saret evalwazzjoni skorretta tal-provi li ressqu l-partijiet;
   (b) Il-verzjoni li ressqu l-appellanti (illum rikorrenti) giet sorvolata jew ma nghatatx il-piz li kien jisthoqqilha;

   u skond ir-rikorrenti dan wassal biex tinghata decizjoni li ma kinitx tirrifletti l-provi li tressqu. Hu ovvju li r-rikorrenti ma jistghux jinqdew bi proceduri taht l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 sabiex jipproponu ilment li qatt ma ssemma fir-rikors tal-appell. L-ilment tar-rikorrenti dwar 'il fatt li x-xhieda ma gietx traskritta kellu semmai jitqajjem fir-rikors tal-appell.

ii. Fit-tieni lok, ma kienx possibbli li jsehh zball ta' fatt ghaliex fis-sentenza din il-qorti ghamltiha cara li minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 22(2)(c) tal-Kap. 378, *"... din il-Qorti ma ghandhiex* ***u lanqas tista' taghmel apprezzament tal-provi mill-gdid ta' dak sottomess quddiem it-Tribunal."*** Mis-sentenza hu evidenti li din il-qorti kienet konxja mill-fatt li fl-atti ma kienx hemm it-traskrizzjoni tax-xhieda li nstemghu quddiem it-Tribunal (ara pagna 6 tas-sentenza). Pero' hu evidenti wkoll li ghaliha dan kien immaterjali ghaliex l-apprezzament tal-provi seta' jsir biss mit-Tribunal u mis-sentenza tat-Tribunal kien jidher li t-Tribunal kien sema' lill-partijiet u ma kienx hemm ksur tal-principju ta' gustizzja naturali. Tant hu hekk li kompliet tghid:

   *"..... li l-ilment tal-appellant jidher li huwa fuq il-kwistjoni ta' apprezzament ta' provi li ghamel it-Tribunal fejn jidher car li huwa accetta l-verzjoni tal-appellata u mhux tal-appellanti, u dan fuq il-punt li l-hotel kienet f'zona perikoluza ghaliex fil-vicinanzi kien hemm traffikanti tad-droga. La darba dan huwa kaz fejn l-ammont moghti kien inqas minn 1,200 Euro, mela allura l-unika bazi ta' appell ghal dak li huwa dan il-kaz hija dik skond l-artikolu 22(2)(c) tal-Kap. 378, u allura taht dan l-aspett din il-Qorti ma ghandhiex u lanqas tista' taghmel apprezzament tal-provi mill-gdid ta' dak sottomess quddiem it-Tribunal"*.

   Irrispettivament taqbilx jew le ma' din id-dikjarazzjoni, din kienet l-interpretazzjoni li l-qorti tat lill-Artikolu 22(2)(c) tal-Kap. 378. F'dan m'hemm l-ebda zball ta' fatt.

**Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom**.

Anthony Ellul.